MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Mandat Numru. 937/2009/1

**Concetta Agius (ID 825836M) ammessa fil-beneficcju tal-ghajnuna legali b'digriet Nru.86/09**

**-vs-**

**John Agius (ID 920047M)**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fil-5 ta' Gunju 2009 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

**B'xi mod ibiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu il-propjeta' li ggib in-numru tmintax (18) Sqaq l-Ajkla, Marsa, jew li jghabbi l-istess propjeta' b'ipoteki, privileggi jew drittijiet ohra favur terzi.**

**Rat** ir-ragunijiet li gabet ir-rikorrenti sabiex issostni t-talba taghha –
(a) Ghax il-kunsens taghha ghall-prokura datata 11 ta' Dicembru 2006 lil Mark Briffa (DOK A) permezz ta' liema prokura l-istess Mark Briffa ttrasferixxa l-propjeta' fuq imsemmija lill-intimat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-12 ta' Dicembru 2006 (DOK B) kien vizzjat stante li ttiehed b'ingann, qerq u frodi.

(b) Ghax kienet infurmata li dak li qed tiffirma kien testment kif fil-fatt riedet taghmel u mhux prokura.

**Rat** id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

**Rat** id-digriet taghha tal-<u>5 ta' Gunju 2009</u> li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti <u>provvizorjament</u> u ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat.

Rat li l-intimat kien notifikat bir-rikors, bid-dokumenti hemm annessi u bl-avviz tas-smigh fil-<u>25 ta' Gunju 2009</u> (*tergo* ta' *fol*.13)

**Rat** ir-risposta tal-intimat tat-<u>30 ta' Gunju 2009</u> li <u>fis-sostanza</u> tghid hekk-

(a) Abbazi tal-kuntratt *de quo*, ir-rikorrenti thallset is-somma ta' Lm 10,000. Ghalhekk ma tista' qatt tghid li l-hsieb taghha kien li taghmel testment mhux kuntratt.

(b) Ir-rikorrenti ma hadet ebda azzjoni kontra Mark Briffa izda biss kontra l-intimat.

(c) Ir-rikorrenti ffirmat il-prokura quddiem in-Nutar Pierre Falzon. Tispetta ghalhekk lir-rikorrenti li tipprova li kienet raggirata.

(d) Kwalsiasi azzjoni tar-rikorrenti biex timpunja l-prokura hija preskritta skond l-Art.1222 tal-Kap.16.

(e) Fil-kuntratt, ir-rikorrenti rriservat favur taghha l-uzufrutt fuq l-immobbli *de quo*. Ghalhekk huwa karenti l-element tal-pregudizzju rikjest mil-ligi.

(f) Jekk it-talba tkun akkolta, din il-Qorti ghandha tapplika l-Art.838A tal-Kap.12.

**Semghet** ix-xhieda tal-Ispettur tal-Pulizija Ian Abdilla fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2009.

**Semghet** is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet f'dik l-istess udjenza.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-imsemmija fejn din il-Qorti halliet ir-rikors ghad-digriet opportun *in camera*.

**Ikkunsidrat** :-

Skond l-<u>Art.873(1) tal-Kap.12</u> –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-<u>Art.873(2) tal-Kap.12</u> –

*Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ghalhekk ir-rikorrent jehtieg li juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' dan il-Mandat. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi. It-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu [*prima facie*] dawk il-jeddijiet.

Minn kliem il-ligi stess, <u>iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi</u>. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-mandat. Siewi wkoll li wiehed iqis li l-procedura li hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.

Minn dan johrog li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta' provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. L-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**Ikkunsidrat –**

Mid-deposizzjoni tal-Ispettur tal-Pulizija Ian Abdilla, li investiga l-ilment tar-rikorrenti, din il-Qorti qeghda tislet dawk il-fatti li ghandhom piz ghall-fini tal-prova *prima facie* :

(a) Kuntrarjament ghal dak allegat mill-intimat, irrizulta li r-rikorrenti ma thallset ebda somma flus bhala korrispettiv tal-allegat bejgh mertu tal-kuntratt *de quo.*

(b) Anke jekk sal-lum, ir-rikorrenti ma hadet ebda azzjoni civili kontra Mark Briffa, jirrizulta li l-Pulizija Ezekuttiva bhala fatt hadet passi kriminali kontra l-imsemmi Mark Briffa bhala rizultat tal-investigazzjonijiet kondotti mix-xhud.

(c) Ir-rikorrenti ma kenitx avzata li ffirmat prokura favur l-imsemmi Mark Briffa tant li lil dan ma kenitx tafu.

(d) Ix-xhud fisser lill-Qorti kif agixxa n-Nutar Pierre Falzon. Il-Pulizija Ezekuttiv hadet passi kriminali anke kontra dan in-nutar pubblika in relazzjoni mal-kaz in esami.

(e) L-intimat huwa dizokkupat u ma rrizultax lix-xhud li l-intimat ghandu beni ohra ghajr l-immobbli *de quo* li qabel kien propjeta' tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat -**

Ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-Art.838A tal-Kap.12 (li ghalih saret riferenza mill-intimat fir-risposta) ghall-kaz in esami.

**Ikkunsidrat –**

Din il-Qorti hija sodisfatta li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet li r-rikorrenti jirrizulta li ghandha '*prima facie'*

Din il-Qorti hija daqstant iehor sodisfatta li minghajr il-hrug tal-mandat odjern, dawk il-jeddijiet jista' jitnehhew darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

Ghalhekk din il-Qorti tghid li fit-talba tar-rikorrenti hemm sodisfatti r-rekwiziti <u>kollha</u> tal-Art.873 tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda -**

**1) Tilqa' t-talba tar-rikorrenti.**

**2) Tordna l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex b'ebda mod ma jbiegh, jnehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu il-propjeta' li ggib in-numru tmintax (18) Sqaq l-Ajkla, Marsa, jew li jghabbi l-istess propjeta' b'ipoteki, privileggi jew drittijiet ohra favur terzi.**

**3) Tordna li l-ispejjes kollha jithallsu mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------